Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 18 ta' Frar 2026**
**(OR. en)**

**6224/26**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0045 (COD)**

**CODEC 203**
**SIMPL 10**
**ANTICI 17**
**ECOFIN 185**
**EF 30**
**DRS 2**
**COMPET 173**
**FIN 246**
**COH 23**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2013/34/UE, (UE) 2022/2464 u (UE) 2024/1760 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u ċerti rekwiżiti ta' diliġenza dovuta korporattiva dwar is-sostenibbiltà **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fis-27 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta[1] tagħha, ibbażata fuq l-Artikoli 50 u 114 TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Ġunju 2025[2].

[1] 6596/25.
[2] ĠU C, C/2025/4212, 20.8.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/4212/oj.

4. Fis-16 ta' Diċembru 2025, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni[3]. Wara li l-Parlament approva rettifika għal dik il-pożizzjoni waqt is-sessjoni plenarja tiegħu tal-10 ta' Frar 2026, l-eżitu tal-votazzjoni tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 66/25, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bil-Belġju u l-Bulgarija jastjenu.

6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u dak tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[3] 17078/25.